MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 843/2003

**Carmel u Irene Cutajar**

**Vs**

**Nutar Mark Sammut LLD**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta’ tlett mija u tlieta u hamsin lira Maltin (Lm353) rapprezentanti prezz ta’ materjal u servizz ta’ *plumbing* u *electrician* li sar mill-atturi lill-istess konvenut.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut fl-ewwel eccezzjoni qal illi t-talba ta’ l-atturi hija preskritta skond it-termini ta’ l-Artikolu

2148 (a) tal-Kodici Civili. Fit-tieni lok qal illi x-xoghol ma sarx kif miftiehem u ma sarx skond is-sengha u l-arti.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra x-xhieda ta' Carmel Cutajar fejn jikkonferma li kien ghamel xi xoghol lill-konvenut u ghadu ma hallsux. Jikkonferma wkoll illi wara li kien ghamel ix-xoghol lill-konvenut qatt ma kien ilmenta. Jghid illi meta kien ircieva pagament minghandu, x-xoghol kien ghadu sejjer.

Ra x-xhieda tan-Nutar Mark Sammut fejn jikkonferma li hu ma jridx ihallas ghax-xoghol li sar fl-ufficcju tal-Belt Valletta ghaliex dan kien sar hazin kif ukoll kien ghadda z-zmien legali li fih l-attur seta' jitlob il-hlas. Ix-xoghol li kien sar fl-ufficcju ta' Haz Zebbug kien hallsu ghaliex ix-xoghol kien sar tajjeb.

Ra illi fis-seduta tat-3 ta' Marzu, 2005 it-Tribunal cahad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut. Gie ddikjarat li l-Artikolu msemmi ma japplikax ghall-fatti bhal dawn - **Portelli Vs Psaila PA 29/5/2003 u Kumm. GS 15/4/1975 Agius Vs Spiteri**.

Ra xhieda ohra ta' l-attur fejn jghid li qabel ma beda x-xoghol kien sar ftehim bejn il-partijiet li l-istima tkun xi tmien liri Maltin u hamsin centezmu (Lm8.50c) jew disa' liri Maltin (Lm9) kull point. Jghid illi l-konvenut qatt ma lmenta mir-rati li zammlu.
Ra x-xhieda ta' Kurt Cutajar li jigi t-tifel ta' l-attur fejn jikkonferma li kien imur jghin lil missieru fix-xoghol li kellu l-Belt ghand il-konvenut.

Jghid illi l-konvenut qatt ma lmenta dwar ir-rati u lanqas li x-xoghol kien qed isir hazin.

Ra x-xhieda ta' Louise Camilleri li tahdem mal-konvenut fejn tghid illi l-pajpijiet tad-dawl m'humiex dritti, t-tubu tal-kcina ma jixghelx sew, hemm leakage fil-flushing, is-siment ghadu jidher fix-shower, il-bede ma jahdimx sew u s-sink kellu problema izda gie rrangat minn haddiehor. Ix-

xoghol hazin gie rrangat mis-socjeta' Office Power Company Limited.

Tghid ukoll illi x-xoghol li ghamel l-attur kien sar qabel ma bdiet tahdem mal-konvenut. Kien il-konvenut li nfurmaha li dawk id-difetti fix-xoghol saru mill-attur.

Ra x-xhieda ta' Gunmar Pottag fejn jikkonferma li l-kumpanija taghhom ghamlet xi xoghol fl-ufficcju tal-konvenut. Jghid li huma rrangaw it-toilet minhabba li ma kienx imwahhal u l-bede minhabba xi leakage. Jghid li s-sink ma kienx imwahhal sew lanqas imma probabbilment minhabba li kien hemm zball minn min pogga l-madum. Jghid ukoll illi l-ahhar 10% tax-xoghol ma kienx hemm. Gunmar Pottag jghid illi kellhom jirrangaw ukoll zewg *socket outfits* ghax ma kienux qed jahdmu kif ukoll kellhom jinstallaw xi *wire* u *conduit* ghall-bieb.

Ma jafx f'liema stat il-*plumber* halla l-kamra tal-banju. Jghid li hu mar jaghmel ix-xoghol l-ewwel darba fil-bidu t'Awissu 2002.
Ra xhieda ohra ta' l-attur fejn jghid illi hawn Malta hadd m'ghandu licenzja. Jikkonferma li m'ghandux licenzja. Jichad illi hu kien gie nfurmat li xi xoghol li ghamel kien hazin.

Jghid ukoll illi kemm-il darba kkuntattja lill-konvenut qabel ma pprezenta l-Avviz. Jghid illi ma kienx ircieva l-Ittri kollha esebiti mill-konvenut.

Jikkonferma li qatt ma mar jara x-xoghol li gie allegat li ma sarx tajjeb.

Ra xhieda ohra tal-konvenut fejn jikkonferma li l-istruzzjonijiet li ta lill-attur kienu sabiex l-ufficcju jkun lest minn kollox. Il-konvenut qal li kien sorpriz illi l-attur kellu bzonn firma ta' haddiehor. Il-konvenut qal ukoll illi d-*distribution box* kienet thalliet b'tali mod li kienet ta' periklu fl-ufficcju.

Il-konvenut jghid illi ma setax jilmenta minhabba li certi affarijiet ma kienux jidhru mill-bidu. Meta l-konvenut

informa lill-attur b'dawn l-affarijiet jikkonferma li l-attur ma riedx jirrangahom.

Illi fil-kawza **Brownrigg Vs Spiteri - 27/6/2003** gie deciz hekk:

I. Min jintraprendi xoghlijiet ghandu jassikura l-ewwel nett l-adempjenza tal-ftehim pattwit u fuq kollox li jippresta opra soddisfacenti. Dan fis-sens li ghandu b'obbligu jara li x-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li 'l quddiem juri difetti. **(Vol. XLII P II p. 1003)**;

II. Skond ir-regoli generali ta' l-inadempiment l-appaltatur m'huwiex mehlus mir-responsabbilta' avolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol. Il-verifika u l-approvazzjoni generalment isiru ghall-finijiet tal-hlas izda b'daqshekk ma jigix ezonerat mir-responsabbilta' jekk nonostante kontroll diligenti fil-mument tal-verifika 'l quddiem jinstab li x-xoghol ma sarx sew. **(Vol. XLI P 1 p. 667)**;

III. Rigward il-mod tal-hlas kompetenti lill-appaltatur jidher li fid-dottrina saret distinzjoni skond il-mod kif ikun gie lilu kommissjonat ix-xoghol. Jekk il-prezz gie ffissat ghal kull unita', l-appaltatur ikollu dritt jithallas tax-xoghol maghmul; jekk il-prezz ikun wiehed ghax-xoghol kollu, allura jekk ix-xoghol ma jkunx kompletat u sewwa l-appaltatur ma jkollux dritt ghall-ebda parti mill-hlas - **Carmelo sive Charles Mallia Vs Ivan John Fonk (Appell Civili 24 ta' Jannar, 1975)**;

IV. Dan jiddependi minn natura tad-difett riskontrat. Jekk id-difetti jkunu ta' certa' gravita' l-kommittent ikollu d-dritt jopponi l-*exceptio non rite adempleti contractus* ghad-domanda li ssirlu ghall-hlas – **Francis Spiteri nomine Vs Emmanuele Cassar (Appell Civili 14 ta' Marzu, 1975)**. Jekk min-naha l-ohra d-difetti ma jkunux sostanzjali jew essenzjali, l-appaltatur ikollu d-dritt li jitlob li dawk id-difetti jigu riparati **(Vol. XXX P II p. 433)** jew jaccetta riduzzjoni - **Angelo Busuttil Vs Pio Fedele et (Prim' Awla Qorti Civili 9 t'April, 1968); John Bonnici nomine Vs**

**Anthony Sammut (Appell Kummercjali 22 ta' Gunju, 1994); Victor Tabone Vs Felix Mifsud (Prim' Awla Qorti Civili 5 t'Ottubru, 1994)**.

**Ikkunsidra**

Illi kien il-konvenut li kellu jgib il-provi biex juri li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti. Il-kont inhareg fid-9 ta' Gunju, 2001 u l-konvenut naqas li jgib rapport ta' bniedem indipendenti dwar ix-xoghol allegatament mhux skond l-arti u s-sengha. Fil-fatt il-konvenut kiteb lill-attur fejn qallu "Nixtieqek tispjegali x'hemm li, skond inti, ghadek trid tithallas tieghu". Jekk kien hemm ilmenti wiehed kien jistenna li l-konvenut isemmihom fl-Ittra datata 21 ta' Jannar, 2002. Fil-fatt fl-Ittra datata 18 t'Awissu, 2004 l-istess konvenut jghid li l-attur ma kellux licenzja ta' *electrician* u xejn dwar xoghol allegat mhux skond is-sengha. Illi huwa veru li fl-Ittra datata 27 ta' Marzu, 2003 il-konvenut jelenka diversi lmenti izda dan huwa hafna zmien wara li x-xoghol kien lest. Illi xehed ukoll Gunmar Pottag li qal li kien imqabbad mill-konvenut biex jaghmel xoghol kif imsemmi fix-xhieda ta' l-istess Pottag. Dan ra l-post f'Awissu 2002. Il-konvenut jammetti li kien jara l-attur jahdem u qatt ma lmenta mieghu dwar ix-xoghol. (Ara kontro-ezami tat-8 ta' Gunju, 2005).

Illi kien il-konvenut li kellu jipprezenta stima ta' xoghol allegatament mhux skond is-sengha. Illi Gunmar Pottag ma setax jghid kemm thallas talli rranga x-xoghol mhux skond l-arti u s-sengha u lanqas jekk id-difetti li sab kienux rizultati tal-fatt li ghadda z-zmien minn meta sar ix-xoghol sakemm ra d-difetti. Zgur dan it-Tribunal mhux f'pozizzjoni li jaghmel stima jew ezami tekniku tax-xoghol. Illi l-konvenut naqas li jitlob nomina ta' Espert u f'kull kaz sar xoghol minn haddiehor u ghadda hafna zmien. Inoltre meta l-konvenut allegatament induna bid-difetti fix-xoghol seta' talab li l-attur jigi jirranga jew talab riduzzjoni izda halla hafna zmien jghaddi u kien biss meta l-attur beda jinsisti ghall-hlas li kiteb l-Ittra ta' Marzu 2003.

Illi bhala fatt il-konvenut naqas li jipprova li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti u ghalhekk it-tieni eccezzjoni ghandha tigi michuda.

Ghaldaqstant jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi l-ammont ta' tlett mija u tlieta u hamsin lira Maltin (Lm353) bl-imghax mit-22 t'April, 2004 sad-data tal-pagament finali. Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------